**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Kongunt nru: 405/18 AGV**

A u B

u

X

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat konguntivament mill-partijiet fis-6 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu gewwa z-Zejtun fis-26 ta' Dicembru tas-sena 1980.

Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Att taz-Zwieg bin-numru 2633/1980.Dokument A anness.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu erba' ulied, C illi twieled fl-erbgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena 1981, D li twieldet fis-27 ta' Dicembru, 1983, E li twieldet fl-20 ta' Lulju, 1988, lkoll maggorenni.

Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-26 ta' Frar, 2002 sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi ghalhekk, is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, datat 26 ta' Frar, 2002, Dokument B anness.

Illi l-partijiet ilhom separate legalment ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemmx possibilta' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw.

Illi skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, A ihallas manteniment lil B u dan l-ammont qieghed jithallas skond kif miftiehem.

Illi l-fatti kollha premessi jissodisfaw il-kundizzjonjiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlobu lildina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-26 ta' Dicembru, 1980 jigi mahlul u ddikjarat bhala xolt;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat skond il-ligi fir-Registru Pubbliku.
3. Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Ra li r-rikors ghat-talba tad-divorzju gie pprezentat konguntivament.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Frar, 2002 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta’ u tiddeciedi din il-kawzabilli:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tirriduci t-terminu tal-appell ghall-gurnata mil lum.

Spejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**